32003R0865

20.5.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 124/17

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 865/2003

## tad-19 ta' Mejju 2003

## li jissupplimeta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 (Cítricos Valencianos jew Cítrics Valencians)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-KomunitàEwropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ismijiet ta' l-oriġini għal prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 692/2003 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 6 [3] u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Spanja bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Cítricos Valencianos" jew "Cítrics Valencians" bħala indikazzjoni geografika.

(2) Skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament, l-applikazzjoni għandha tinstab li tissodifa r-rekwiżiti kollha preskritti fih u b'mod partikolari jkun fiha l-informazzjoni kollha stipulata skond l-Artikolu 4 tiegħu.

(3) Ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ma ġiet irċevuta mill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-isem mogħti fl-Anness hawn mehmuż wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*(3).

(4) L-isem għalhekk għandu jkun irreġistrat fir-"Reġistru ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u minn issa jkun protett mal-Komunita kollha bħala indikazzjoni ġeografika protetta.

(5) L-Anness ma' dan ir-Regolament jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 617/2003 [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem fl-Anness hawn mehmuż jiżdied ma' l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u jkun irreġistrat bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) fir-"Reġistru ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" li jipprovdi għalihom l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-19 ta' Mejju 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 99, tas-17.4.2003, p. 1.
[3] ĠU C 204, tat-28.8.2002, p. 6 (Cítricos Valencianos or Cítrics Valencians).
[4] ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11.
[5] ĠU L 89, tal-5.4.2003, p. 3.

*L-ANNESS*

**PODOTTI ELENKATI FL-ANNESS I MAT-TRATTAT TAL-KE INTENZJONATI GĦAL KONSUM UMAN**

**Frott, ħaxix ta' l-ikel u ċereali**

SPANJA

Cítricos Valencianos jew Cítrics Valencians. (IĠP)